

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2008 — Ercros vs UASI — Degussa (TAI CROS)**

(Kawża T-315/06) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva TAI CROS — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti CROS, SOCIEDAD ANÓNIMA CROS u ERCROS — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti CROS — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Nuqqas ta’ xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2009/C 6/46)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ercros, SA (Barcellona, Spanja) (rappreżentant: R. Thierie, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Degussa GmbH, li qabel kienet Degussa AG (Dusseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Schäffler, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Settembru 2006 (Każ R 29/2006-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ercros, SA u Degussa GmbH.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ercros, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 326, 30.12.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Premium SA**

(Kawża T-316/06) <sup>(1)</sup>

(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Kuntratti konklużi fil-kuntest tal-programm speċifiku ta’ riċerka u ta’ żvilupp teknoloġiku fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni — Ħlas lura ta’ parti mill-ammont imħallas bil-quddiem mill-Komunità — Interessi għal dewmien”)

(2009/C 6/47)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Montaguti, aġent, assistit minn J.-L. Fagnart u F. Longfils, avukati)

Konvenuta: Premium SA (Roelux, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Bertouille u D. Joos de ter Beerst, avukati)

**Suġġett**

Appell skont l-Artikolu 238 KE bil-għan li tinkiseb il-kundanna tal-konvenuta sabiex tħallas lura parti mill-ammont imħallas bil-quddiem mill-Komunità, kif ukoll l-interessi għal dewmien, minħabba li ma ġewx rispettati ċerti obbligi kuntrattwali.

**Dispożittiv**

- 1) Premium SA hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni s-somma ta’ EUR 57 605,74 bħala ammont prinċipali, flimkien mal-interessi għad-dewmien:
  - bir-rata ta’ 3.36 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Ottubru sal-31 ta’ Diċembru 1998;
  - bir-rata ta’ 3.47 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru 1999;
  - bir-rata ta’ 2.74 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru 2000;
  - bir-rata ta’ 4.26 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2001 sal-31 ta’ Diċembru 2002;
  - bir-rata ta’ 3.29 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru 2003;
  - bir-rata ta’ 2.27 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru 2004;
  - bir-rata ta’ 2.05% fis-sena għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru 2005;

- bir-rata ta' 2.11 % fis-sena għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2006 u d-data ta' din is-sentenza;
  - bir-rata applikabbli skont il-liġi Franċiża għall-perijodu bejn id-data ta' din is-sentenza u dik tal-ħlas sħiħ tas-somma prinċipali.
- 2) Premium hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni s-somma ta' EUR 30 988,74 bħala ammont prinċipali, flimkien mal-interessi għad-dewmien:
- bir-rata ta' 3.95 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 1998;
  - bir-rata ta' 2.85 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1999;
  - bir-rata ta' 3.6 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2001;
  - bir-rata ta' 2.95 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2002;
  - bir-rata ta' 2.15 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004;
  - bir-rata ta' 2.4 % fis-sena għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005;
  - bir-rata ta' 2.5 % fis-sena għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2006 u d-data ta' din is-sentenza;
  - bir-rata applikabbli skont il-liġi Daniża għall-perijodu bejn id-data ta' din is-sentenza u dik tal-ħlas sħiħ tas-somma prinċipali.
- 3) Premium hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 326, 30.12.2006.

#### Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Novembru 2008 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-406/06) (<sup>1</sup>)

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Sejħa għall-offerti dwar is-servizzi ta' assistenza favur sistema ta' reġistrazzjonijiet stabbilita permezz tad-Direttiva 2003/87/KE — Rifjut ta' offerta ta' offerent — Deċiżjoni ta' assenjazzjoni lil offerent ieħor — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Talba għad-danni”)

(2009/C 6/48)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u N. Keramidas, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Wilderspin u E. Manhaeve, aġenti)

#### Suġġett

Min-naħa waħda, talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Ottubru 2006, li tiċħad l-offerta ippreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti dwar is-servizzi ta' assistenza favur sistema ta' reġistrazzjonijiet, stabbilita skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003 tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32), ir-reġistru tat-tranżazzjonijiet Komunitarji indipendenti (CITL), il-manutenzjoni teknika u l-għajnuna lill-utenti (ĠU 2006, S 102), kif ukoll talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tassenja l-kuntratt lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU C 42, 24.2.2007.

#### Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2008 — Galderma vs UASI– Lelas (Nanolat)

(Kawża T-6/07) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali Komunitarja Nanolat — Trade mark verbali nazzjonali preċedenti TANNOLACT — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2009/C 6/49)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Galderma SA (Cham, l-Iżvizzera) (rappreżentant: N. Hebeis, avokat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)